Mellieħa

19 ta' Ġunju 2026

# ID-DISA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 26a**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru 26a li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2026 fil-5.30pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.3 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

26.5 Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġużepp u għall-Festa tal-Vitorja 2026;

26.6 Estensjoni tal-Kuntratt 'Embellishment of a Site at Triq il-Għasel, il-Mellieħa, including Environmentally Friendly Paint, Sanitary Facilities, Soil Improvers, Plants and Trees and Automatic Irrigation Systems;

26.7 Ombudsman Case No CEP-26-7618 - Triq Dun Frangisk Sciberras, il-Mellieħa;

26.8 Sejħiet għall-Offerti dwar 'Designing, Laying Out and Printing of Council Magazine and Book Binding' u 'Christmas Lights Street Decoration';

26.9 Il-Management Agreements tat-Torri l-Abjad u tax-Xelters ta' Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija;

26.10 Mozzjoni dwar il-Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;

26.11 Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

26.12 Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

**26.10 Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

"Billi r-Regolament dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) – Regolament 7 - jipprovdi għall-ħatra ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv li trid issir b`riżoluzzjoni tal-Kunsill, skond kif stipulat fl-Artikolu 51 ta` l-Att XV ta` l-1993;

Saret referenza għaċ-Ċirkulari 16/2016, maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fl-24 ta' Awwissu 2016, ġie spjegat li l-Artiklu 50 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) jipprovdi li kunsill lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tkun vakanti, jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi;

U bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 49 u 53, Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandha tiġi maħtura s-Sinjura Yvonne Muscat minħabba ta` l-esperjenza fil-proċeduri mħaddma li hija akkwistat fis-17 'il sena li ilha mpjegata mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa."

Il-mozzjoni għaddiet b`mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsilliera C. Castillo. (P/7/1/Vol XVI)

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Corinne Castillo |
| **Proponent** | **Sekondant** |